**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta Nru. XVII G**

**Illum il-Gimgha, 9 ta' Frar, 2001**

**Appell Krim. numru: 206/00 NA (G)**

**Il-Pulizija (Spettur Paul Vassallo)**

**vs**

**Emanuel Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant talli f'Ghawdex, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zmien differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, qabel it-22 ta' Awissu 1991 u l-14 ta' Novembru 1997 bhala proprietarju tal-fond "The Arches", Windmill Street, Zebbug, Ghawdex, u bhala persuna li fuqu huwa rregistrat il-meter tal-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmi post, b'mezzi qarrieqa u li bihom seta' kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom seta' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq jammonta ghal Lm191.94c liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u l-valur. Il-Qorti giet mitluba wkoll mill-Prosekuzzjoni li barra l-piena stabbilita tapplika l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-22 ta' Settembru 2000 illi permezz taghha l-appellant instab hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u gie kkundannat ghal terminu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur, liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-appellant jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn mid-data tas-sentenza ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u gie ordnat ihallas lill-Korporazzjoni Enemalta s-somma ta' Lm191.94c skond l-akkuza u dan fi zmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza ai termini ta' l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 oltre il gie obbligat ihallas l-ispejjez inkorsi fil-hatra ta' l-esperti f'din il-kawza.

Rat ir-rikors ta' l-appell prezentat mill-appellant fid-9 ta' Ottubru 2000 illi permezz tieghu l-appellant jiddikjara illi hass ruhu aggravat bis-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti ghar-ragunijiet segwenti:

(i) Illi l-Prosekuzzjoni ma waslitx ghall-grad ta' prova rikjesta minnha fil-ligi sabiex tkun tista' tinstab htija fl-imputat ghaliex lanqas biss gie ppruvat illi kien hemm tbaghbis fil-meter tad-dawl de quo;

(ii) Illi x-xhieda tal-Prosekuzzjoni xehdu b'mod tant konfuz u inkonsistenti illi ma tista' tinghata ebda ffidament ghax din ix-xhieda u certament illi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tasal ghall-konvinciment morali ta' htija da parti ta' l-appellant fuq il-bazi ta' din ix-xhieda;

(iii) Illi kieku l-appellant verament kien qieghed ibaghbas fil-meter ta' l-elettriku ma kienx imur jirrapporta huwa stess lill-Korporazzjoni Enemalta jew kien inehhi kwalsiasi prova inkriminanti qabel ma marru fuq il-post l-impjegati ta' l-Enemalta.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha processwali;

Semghet it-trattazzjonijiet tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:-

Illi, in succint, il-fatti saljenti ta' dan il-kaz huma s-segwenti:

(i) l-appellant huwa l-proprietarju tal-fond "The Arches", Windmill Street,Zebbug, Ghawdex;
(ii) l-appellant huwa l-uniku sid illi qatt kellu l-fond in kwistjoni;
(iii) fl-10 ta' Novembru 1997 l-appellant ghamel rapport lill-Korporazzjoni Enemalta peress illi ma kellux provvista ta' l-elettriku, marru funzjonarji ta' l-Enemalta u dawn innotaw u rrapportaw lill-Pulizija illi kien hemm tbaghbis fil-meter ta' l-elettriku;
(iv) saret inkjesta u bhala espert gie nominat William Cassar Torreggiani illi sussegwentement ipprezenta r-rapport.

Illi l-espert nominat mill-Qorti, William Cassar Torreggiani, ghamel is-segwenti konstatazzjonijiet illi jimmeritaw illi jigu riprodotti, u cioe':

(i) il-meter kien qieghed jirregistra l-konsum tal-kurrent elettriku;
(ii) iz-zewg sigilli homor kienu intatti u mimlija ghabra u trab;
(iii) id-disk tal-*meter* kellu brix fuq in-naha ta' taht tieghu pero' s-sigilli tal-*cover* kienu intatti;
(iv) is-sigill il-blu tal-qiegh tal-*cover* kellu l-parti ta' fuq tal-*meter* miksura izda s-sigill baqa' jissigilla l-*cover* tas-*shunt*, ghalkemm miksur;
(v) kien hemm *tail* kulur iswed imqabbad dirett mis-*service box* ghal *main switch*;
(vi) taht il-*meter* ezatt kien hemm *socket outlet* u *three pin* thirteen amp plug imqabbad, li skond ir-regolamenti ghandu minn ta' l-inqas ikun metru boghod;
(vii) il-*fuse box* kienet issiggilatta b'sigill kannella;
(viii) esternament ma kien hemm xejn x'jindika illi l-*meter* tad-dawl kien imbaghbas hlief is-sigill il-blu li ghalkemm miksur baqa' issigillat u dan ikun fil-parti t'isfel tal-*meter* fejn hemm ix-*shunt* u t-*terminals* tal-*meter*.

(ix) Illi apparti mir-rapport ta' l-espert nominat, William Cassar Torreggiani, il-provi tal-Prosekuzzjoni kienu jikkonsistu fix-xhieda tal-funzjonarji tal-Korporazzjoni Enemalta illi marru fuq il-post in segwitu ghar-rapport illi kien ghamel l-appellant peress li ma kellux servizz ta' elettriku, u x-xhieda ta' Saviour Decelis, rapprezentant tal-Korporazzjoni Enemalta li esebixxa l-*breakdown of estimate, record of consumption*, ir-rapport li ghamlu l-funzjonarji tal-Korporazzjoni Enemalta u kopja tal-*history card*.

Fix-xhieda tieghu moghtija quddiem l-Ewwel Qorti, Mario Pavia, ikkonferma x-xhieda li huwa kien ta fl-inkjesta, fis-sens illi huwa jahdem bhala *electrical fitter* mal-Korporazzjoni Enemalta' li kien ezamina l-*meter* tad-dawl ta' l-appellant; li l-*cover* kien siggillat regolari waqt li s-sigill il-blu kien miksur pero' kien ghadu mqabbad; li mis-*service box* kien hiereg *tail* u cioe' *wire* iswed sejjer dirett gol-*main switch* bla ma jghaddi mill-*meter* u li kien hemm *socket* li kellha l-*phase terminal* karbonizzat. In kontro-ezami qal li mhix haga normali li jkollok in-*netural wire* sejjer mis-*service box* dirett gol-*main switch* bla ma jghaddi mill-*meter.* Qal ukoll illi biex il-*meter* jirregistra kif suppost teknikament jehtieg illi jkollu z-zewg *wires, live* u *neutral*, ghaddejjin kif suppost. Fuq domanda ohra in kontro-ezami, ix-xhud Mario Pavia sostna illi jekk ma jkollux in-*neutral* ikkonnettjat tajjeb, il-*meter* ma jirregistra ebda konsum, asserzjoni illi tikkonfliggi ma' dak li kkonstata l-espert nominat mill-Qorti illi effettivament il-*meter* kien qieghed jirregistra konsum ta' l-elettriku.

Xhud iehor tal-Prosekuzzjoni, Joseph Vella, funzjonarju iehor tal-Korporazzjoni Enemalta, kellu x-xhieda tieghu terminata b'ordni tal-Ewwel Qorti peress illi "assolutament ma [kienx jaf] fuq x'hiex qed jixhed." Carmel Attard, xhud iehor tal-prosekuzzjoni, illi huwa funzjonarju iehor tal-Enemalta, cahad illi kien xehed fl-inkjesta u tenna illi l-firem illi kien hemm b'ismu fil-process verbal ma kienux tieghu, u allura din l-evidenza certament illi ma tistax hlief tigi skartata.

Illi ghaldaqstant, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk effettivament il-*meter de quo* kienx imbaghbas o meno, il-korp tal-provi tal-Prosekuzzjoni jikkonsisti principalment, jekk mhux unikament, mir-rizultanzi ta' l-inkjesta. Issa, fil-konkluzzjonijiet tieghu, l-espert nominat mill-Qorti, William Cassar Torreggiani, jaghmel kostatazzjonijiet ta' fatti pero' imkien ma jikkonkludi illi effettivament kien hemm tbaghbis fil-*meter*, anzi jghid illi "esternament, ma kien hemm xejn x'jindika li l-*meter* tad-dawl kien imbaghbas, hlief is-sigill il-blu li ghalkemm miksur, baqa' issiggillat u dan ikun fil-parti t'isfel tal-*meter* fejn kien hemm ix-*shunt* u t-*terminals* tal-*meter*. Dwar il-fatt illi n-*neutral wire* kien imqabbad direttament mis-*service box* ghal *main switch*, l-espert ma jghaddi ebda kumment, ma jghidx illi dan effettivament jammonta ghal tbaghbis fil-*meter*, ma jiddikjarax illi minhabba f'dan il-fatt il-*meter* tad-dawl ma jirregistrax il-konsum li suppost ikun qieghed jirregistra. F'dan ir-rigward, il-Qorti taghmel riferenza ghax-xhieda ta' Mario Pavia, *electrical fitter* mal-Korporazzjoni Enemalta, illi fix-xhieda tieghu in kontro-ezami qal illi la darba n-*neutral wire* ma kienx ghaddej kif suppost il-*meter* ma jirregistra ebda konsum, asserzjoni illi tikkonfliggi dijametrikament mal-kostatazzjoni ta' fatt illi jaghmel l-espert William Cassar Torreggiani illi effettivament il-*meter* kien qieghed jirregistra konsum. Mill-banda l-ohra, l-istess espert jikkummenta dwar il-fatt illi "taht il-*meter*, ezatt, kien hemm

*socket outlet* u *three pin, thirteen amp plug* imqabbad li skond ir-regolamenti ghandu jkun metru boghod minn ta' l-inqas, minhabba ragunijiet ovvji minhabba tbaghbis."

Il-Qorti taghmel riferenza ghall-Artikolu 264 (2) tal-Kodici Kriminali illi jipprovdi kif gej:

> "Fil-kaz ta' ksur ta' kanni ta' servizz pubbliku ta' l-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku jew tal-*meters* taghhom, jew ta' xi sigill ta' xi *meter*, jew fil-kaz ta' l-ezistenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan l-ilma, gass jew kurrent elettriku, jew li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-*meter* tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata, jitqies, sakmem ma jigix pruvat il-kuntrarju, bhala prova li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-ksur jew il-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku, skond ma jkun il-kaz."

Ghaldaqstant, l-ewwel mistoqsija illi din il-Qorti jehtieg tikkonsidra hija proprju jekk fil-kaz odjern kienx hemm "ksur ... ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku jew tal-*meters* taghhom" jew "l-ezistenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' ... kurrent elettriku", ghaliex f'dan il-kaz, l-oneru tal-prova jirrovexxja ruhu fuq l-appellant illi jrid ikun hu illi jipprova illi effettivament ma kienx hemm serq ta' kurrent elettriku.

Mill-provi prodotti, u cioe' mir-rizultanti tal-process verbal, din il-Qorti hija sodisfatta illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ezistenza ta' mezzi qarrieqa u ta' tbaghbis fil-*meter*, konsistenti fil-ksur tas-sigill il-blu, in-*neutral wire* illi kien imqabbad direttament mis-*service box* ghal *main switch* bla ma jghaddi mill-*meter* u s-*socket outlet* u *three pin, thirteen amp plug* illi kienu mqabbda ezatt taht il-*meter* u mhux f'distanza minima ta' metru kif prevvist mir-regolamenti, u ghaldaqstant kien jinkombi fuq l-appellant illi jipprova illi fil-fatt ma kienx ikkommetta tbaghbis fil-*meter* u serq ta' kurrent elettriku ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Da parti tieghu l-appellant ma ressaq ebda provi ghajr ix-xhieda tieghu stess fejn qal illi matul il-lejl kien marlu d-dawl u ghamel rapport lill-Enemalta biex jigu jsewwulu. Spjega illi wiehed mill-funzjonarji tal-Enemalta, li huwa kien jaf biss bil-laqam, appena ra l-*meter* beda jghajjat li c-comba kienet maqtugha, u baqa' jghid hekk minkejja li ma kenitx. Qal ukoll illi sussegwentement kienu nformawh li se jressquh il-Qorti ghax kellu l-*wires* maqlubin. L-appellant kien xehed ukoll fl-inkjesta fejn kien qal illi l-*meter* kien inbidel meta l-post *de quo* kien fil-pussess tieghu u kien inbidel ukoll il-*wire* tac-comb. L-appellant kien qal ukoll li l-*main box* kien wahhalha qabel inbidel il-*meter* u li ma kienx jaf ezattament min kien bidel il-*meter* u ma ried iwahhal f'hadd. Qal ukoll li fil-post kien joqghod hu flimkien ma' martu w it-tifel izda izjed kienu jghixu f'post iehor li kellhom ix-Xlendi.

Il-Qorti tosserva illi l-appellant naqas milli jgib ebda provi in sostenn ta' l-asserzjoni tieghu illi huwa kellu post iehor fix-Xlendi u li izjed kienu jghixu f'dan il-post tax-Xlendi milli fil-post in kwistjoni. Tali evidenza setghet tkun rilevanti meta wiehed jikkonsidra x-xhieda ta' Saviour Decelis illi qal li mir-*record of consumption* minnu ezibita tirrizulta varjazzjoni evidenti fil-konsum. Saviour Decelis semma kif xi minn daqqiet il-*meter* kien jirregistra 1.8 *units* illi mhuwiex kompatibbli mal-*load* illi hemm fil-fond *de quo*. Mir-*record of consumption* ezibit mill-imsemmi Saviour Decelis jirrizulta illi filwaqt illi l-konsum gie li tela' ghal 10.8 *units* f'gurnata, ghall-perjodu mill-20 ta' April 1992 sal-24 ta' Awissu 1992, il-medja kienet ta' 1.8 *units* kull jum. Issa tali diskrepanza kienet possibbilment tkun spjegabbli kieku l-appellant gab provi sodisfacenti illi juru illi f'dak iz-zmien huwa w il-familja tieghu ma kienux qed jirrisjedu fil-fond in kwistjoni izda band'ohra, u allura bilfors illi l-konsum f'tali perjodu jkun wiehed minimu. L-appellant pero' naqas milli jgib ebda prova f'dan ir-rigward u in vista tal-provvediment ta' l-Artikolu 264 (2) tal-Kapitolu 9, fuq citat, ai termini ta' liema provvediment l-oneru tal-prova jirrovexxja ruhu fuq l-appellant, din il-Qorti tqis illi *prima facie* jirrizulta illi kien hemm tbaghbis fil-*meter* u tirrizulta wkoll l-ezistenza ta' mezzi qarrieqa illi jistghu jkunu intizi biex isir serq ta' kurrent elettriku u tiqs ukoll illi l-appellant ma gab ebda prova li tista' taghti spjegazzjoni ghad-diskrepanzi fir-rata ta' konsum ta' elettriku fil-fond in kwistjoni kif jirrizulta mir-*record of consumption* ezebita mix-xhud tal-Prosekuzzjoni Saviour Decelis.

Dawn il-konkluzzjonijiet iwasslu lil din il-Qorti u dana partikolarment in vista tal-provvediment ta' l-Artikolu 264 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq imsemmi biex tasal ghall-konkluzzjoni illi f'kaz fejn il-provi nstemghu u gew kompilati mill-Ewwel Qorti dik il-Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija fl-appellant u li, allura, din il-Qorti ma ghandhiex f'kaz simili tiddisturba l-gudizzju ezercitat minn dik l-Ewwel Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qieghdha tichad l-appell interpost mill-appellant u tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-22 ta' Settembru 2000 fl-intier taghha.

Maureen Xuereb
Deputat Registratur